**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Lulju, 2019**

**Talba Numru: - 509/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 29.**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637)**

**1, War Victims Square,**

**Luqa**

**Vs**

**Jesmond Zerafa u Luke Zerafa**

**28, Triq Melchiorre Gafa`,**

**Zejtun**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fil-25 ta' Ottubru, 2018 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuti s-somma ta' tmien mija tmienja u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€898.53c) bilanc minn ammont ta' elf mitejn u sitta u tletin ewro (€1,236) dvout mill-konvenuti in segwitu ghal obligazzjoni li l-konvenuti assumew permezz ta' skrittura tal-05 ta' Ottubru, 2017 rigwardanti rifuzjoni ta' ammont li s-socjeta' rikorrenti kienet kostretta li thallas lil terzi b'applikazzjoni tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni mal-claim li ggib ir-referenza M160450. Tali claim tirreferi ghal incident stradali li sehh fil-05 ta' Lulju, 2016 gewwa Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi meta Luke Zerafa kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni ABM-543 u baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tal-vettura IBV-658. Li dwar dan qablu l-konvenuti infushom li t-tort ta' dan l-incident kien unikament ta' Luke Zerafa li f'dak il-mument kien qieghed isuq il-vettura AMB-543 minghajr ma kien kopert fit-termini tal-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' rikorrenti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit Kevin Borg Degiorgio in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li spjega li l-ammont ghadu dovut u li tali affidavit gie notifikat lil konvenuti izda hadd minnhom ma deher ghal kontro ezami tal-istess xhud.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tmienja u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€898.53c) elf mija u tnejn u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,152.82) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz tat-Talba sad-data tal-fattura tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**